MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1264/1997/1

**Charles Atkins**

**vs**

**Matilde Atkins**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-ghaxra (10) ta' Gunju, 1973 (Dok. "A") mill-liema zwieg twieldu zewgt ibniet, Diane (Dok. "B") u Odette (Dok. "C");

Illi z-zwieg huwa null billi l-kunsens ta' l-attur kien inkiseb b'qerq dwar il-kwalita` tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi dan iz-zwieg huwa vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett a tenur ta' l-**artikolu 19 (1) (c) u (d) ta' l-Att taz-Zwieg ta' l-1975** b'tortijiet tal-konvenuta.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi:-

(1) Tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fl-ghaxra (10) ta' Gunju 1973, hu null u minghajr ebda effett a tenur ta' l-**artikolu 19 (1) (c) u (d) ta' l-Att taz-Zwieg ta' l-1975** *occorrendo* billi wkoll jigi dikjarat li l-attur kien il-parti *bona fede* ghal dan iz-zwieg.

Bl-ispejjez u bil-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti (a fol. 4) bix-xhieda hemm indikati, liema lista tax-xhieda hija skond il-ligi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-8 ta' Ottubru 1999 fejn gie eccepit:-

1. Illi hi topponi l-annullament peress li ma hemmx ragunijiet sufficjenti;

2. Illi fil-mertu, jekk hemm lok ghall-annullament dan imputabbli ghall-istess attur;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbali tas-seduti ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta, tad-9 ta' Frar 1999; tat-22 ta' April 1999; tas-6 ta' Lulju 1999; tal-25 ta' Ottubru 1999 fejn giet nominata

Dr. Edwina Grima bhala Perit Legali; tat-22 ta’ Marzu 2000; tas-16 ta’ Ottubru 2000; tat-13 ta’ Frar 2001;u tat-18 ta’ Settembru 2001;

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali (a fol. 25);

Rat l-avviz tat-18 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond. C. Pace;

Rat il-verbali tas-seduti ta’ din il-Qorti kif presjeduta, tas-16 ta’ April 2002; tad-19 ta’ Gunju 2002; tad-9 ta’ Ottubru 2002; tas-17 ta’ Ottubru 2002 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport; u tat-30 ta’ Jannar 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta’ Ottubru 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali pprezentat fit-12 ta’ Gunju 2002;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur** xehed f'zewg seduti u cjoe` dik tal-5 ta' April 2000 u tat-28 ta' Frar 2001. Huwa jghid is-segwenti fix-xhieda dwar iz-zwieg tieghu mal-konvenuta:-

Illi l-attur u l-konvenuta zzewgu fl-1973 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ghal madwar tliet snin. L-attur jghid illi huwa kien jara lill-konvenuta kuljum tistenna fuq l-istage li kien jinstab vicin il-post tax-xoghol tieghu. Huwa kien ha grazzja maghha u bl-ghajnuna ta' habib tieghu huwa kien iffissa appuntament biex jiltaqa' maghha. L-attur jghid illi fil-perijodu ta' l-gherusija huwa kien taht l-impressjoni illi l-konvenuta kienet mara ta' l-affari taghha. Jghid ukoll illi huwa kellu l-problemi mal-familja taghha. Lanqas il-konvenuta ma kienet taqbel mal-familjari taghha specjalment ma' missierha. Huwa jghid illi ftit wara z-zwieg martu kienet qaltlu illi hija kienet izzewgitu biex

titlaq mid-dar tal-genituri taghha. Huwa jghid illi l-konvenuta kienet tiggieled hafna ma' missierha u fil-presenza tieghu kien anke kien hemm okkazjoni fejn missier il-konvenuta kien tefaghlha l-mejda ta' l-ikel, izda huwa qatt ma sar jaf x'kienet din il-problema. L-attur jghid illi l-konvenuta kienet il-kbira fost tlett ahwa, izda missierha maghha biss kien jiggieled. Huwa jghid illi l-konvenuta kellha relazzjonijiet tajbin ma' hutha.

Illi pjanijiet qabel iz-ziweg dwar il-hajja mizzewga taghhom, il-koppja kienu ghamlu fost affarijiet ohra rigward id-dar taz-zwieg u t-tfal. It-tnejn li huma xtaqu it-tfal fiz-zwieg. Qabel iz-zwieg l-konvenuta kienet weghdet lill-attur illi hija kienet ser tieqaf tahdem biex toqghod tiehu hsieb id-dar u l-familja, izda l-attur jghid illi wara z-zwieg hija biddlet il-fehma taghha u riedet tkompli tahdem. Hawnhekk huwa jghid illi bdew jinholqu l-problemi peress illi l-mara bdiet taghti certi kunfidenzi kemm fuq il-post tax-xoghol u anke barra l-kamp tax-xoghol. Dawn il-problemi huwa jghid illi bdew madwar tliet snin wara z-zwieg u cjoe` huwa induna bihom f'dak iz-zmien. Il-konvenuta kienet tahdem bhala fattiga l-“White Rocks Holiday Complex”. Jghid ukoll illi wara z-zwieg kien hemm persuna illi huwa jafha bhala "Ta' Johnsons ta' l-Imsida", li kien fetah hanut ftit 'il boghod mid-dar taghhom. L-attur jghid illi sar jaf illi dan ir-ragel ried johrog mal-konvenuta u dan anke qabel iz-zwieg. Huwa beda jinnota illi l-konvenuta bdiet tmur spiss f'dan il-hanut tal-*household goods*, u lilu kienet tghidlu li sejra ghand ommha. Fil-fatt huwa sar jaf minghand in-nies illi hija kienet qed tkun Ta' Xbiex ma' dan ir-ragel. Dan ikkonfermah huwa stess meta f'okkazjoni partikolari meta kienu hdejn l-iskola tat-tfal huwa ghadda bil-karozza minn hdejhom u tefaghlha bicca karta. F'din il-karta huwa kien hallielha nota biex jilatqghu gewwa Ta' Xbiex f'hin partikolari.

Illi l-attur jghid illi l-hajja intima ta' bejniethom kienet wahda normali, izda wara t-tieni tarbija bdiet sejra lura. Jghid ukoll illi qabel it-twelid tat-tieni tarbija taghhom, huwa kien jara lill-konvenuta spiss fil-gabbana ta' l-Imsida hdejn l-AVIS. Meta kien imur hemmhekk huwa kien jara lill-konvenuta wara l-bank hdejn is-sid ta' din il-gabbana.

Meta huwa kien jistaqsiha ghalfejn kienet tmur hemmhekk, hija kienet twiegbu illi kienet tmur hemmhekk biex tkellmu. Dan kien fl-istess perijodu illi hija kienet tinzel fil-hanut ta' 'Johnsons'.

Illi l-attur ikompli jixhed u jghid illi l-konvenuta ma tantx kienet tiehu hsieb id-dar u l-familja. Jiftakar okkazjoni partikolari meta gabet il-qtates id-dar ghaliex kienet tghid li joghgbuha u spiccat li kienet taghti aktar importanza lill-qtates milli lilu u lill-familja. Huwa kien jipprova jispjegalha illi fil-flat kien impossibbli illi inzommu numru kbir ta' qtates.

Illi l-attur jghid illi l-konvenuta kienet tiltaqa` ma' persuna. Dan kien Lebaniz li kien jahdem l-isptar. Dan kien jaghtihom il-medicini b'xejn. Huwa jghid illi dan il-Lebaniz nhar ta' Hadd kien imur il-White Rocks u kien johrog flimkien mal-konvenuta bil-karozza. Jiftakar illi darba minnhom huwa kien sab karta imwahhla mal-*windscreen* tal-karozza tieghu fejn infurmawh illi hija kienet qed tiltaqa` ma' dan ir-ragel.

Illi l-attur isemmi okkazzjoni ohra fejn hu u l-konvenuta kienu hargu u marru sal-White Rocks biex il-konvenuta titma` l-qtates. Meta ghaddiet siegha u l-konvenuta kienet ghadha ma rritornatx, huwa hareg ifittixha u raha hierga minn appartament fil-Complex ma' habiba taghha jidhku u warajhom hargu tlett irgiel Pollakki li kienu jghixu hemmhekk. F'dik il-gurnata, l-attur jghid illi l-konvenuta ma kenitx xoghol. Meta huwa kien ikkonfrontaha, hija qaltlu illi ma kienet ghamlet xejn hazin, semplicement kienet marret tiehu kafe` maghhom.

Illi l-attur jghid illi l-konvenuta kienet tghidlu illi lilha ma tantx kien joghgobha s-sess u illi huwa kien jghir ghaliha. Huwa jghid illi kien icempel hafna t-*telephone* ghaliha d-dar, izda meta kienu jisimghu lehnu kienu jaqtghu. Kien hemm ragel partikolari illi huwa kien jaghraf lehnu. Dan kien habib ta' missieru Emanuel Cuesta. Meta darba minnhom cempel, huwa kien ghajjatlu bl-isem "Leli", izda huwa kien wiegbu "jiena m'hiniex Leli." L-attur jghid illi

darba il-konvenuta kienet qaltlu illi dan ir-ragel kien taha *lift* sal-Hamrun.

Illi l-proceduri ghas-separazzjoni bejn il-kontendenti kienu inbdew f'Novembru 1988. Kienu irrikonciljaw ghal xi zmien, izda ftit wara huwa rega` rceva karta mill-Qorti ghas-separazzjoni ghaliex il-konvenuta qalet illi ma setghatx tibqa` tghix mieghu. Huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni f'Novembru 1991.

Illi l-attur rega` xehed fis-seduta tat-28 ta' Frar 2001 fejn huwa qal illi jaf illi l-konvenuta kienet tohrog ma' "Ta' Johnsons" qabel ma ltaqghet mieghu. Huwa jerga` jghid illi qatt ma sar jaf x'kienu l-problemi illi l-konvenuta kellha ma' missierha izda hija kienet tghidlu illi huwa kien iddixxiplinat izzejjed maghha. Huwa jghid illi martu bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni ghaliex kienet tghid illi huwa kien jghir ghaliha. Meta rcieva l-karti mill-Qorti, it-tieni darba, huwa jghid illi ma kenitx infurmatu bil-pass li kienet ser tiehu. Huwa jghid illi l-konvenuta qatt ma riedet taf b'sess, dejjem mohha fil-qtates u mhux fid-dar u ghalhekk huwa ma setghax jibqa` jghix f'din is-sitwazzjoni. Jghid illi hija ma kenitx wahda akkanita ghas-sess u kien ikollhom x'jaqsmu flimkien darba fix-xahar. Madwar sentejn qabel ma inbdew il-proceduri ghas-separazzjoni hija ma baqghetx tavvicinah sesswalment. Huwa jghid illi l-konvenuta spiss kienet tghidlu biex ifittex mara ohra. L-attur jghid illi huwa qatt ma naqasha minn xejn u dejjem mantnieha. Huwa kompla jzid max-xhieda tieghu u qal illi meta hija kienet tiltaqa` mar-ragel Lebaniz li semma` gieli hadet it-tfal maghha.

Illi x-xhud **Diane Atkins**, bint il-kontendenti, xehdet permezz tal-procedura ta' l-affidavit li gie ipprezentat fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2001, liema affidavit gie mmarkat bhala Dokument “CA”. Hija tghid illi qed tghix m' ommha peress illi l-genituri taghha huma sseparati u missierha jghix ma' ommu. Hija tghid illi l-genituri taghha ilhom isseparati ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Taf illi l-genituri taghha kellhom problemi fiz-zwieg taghhom meta kienu jghixu taht saqaf wiehed u kienu jiggieldu regolarment pero' qatt ma kien hemm xi forma ta' vjolenza. Hija tghid

illi missierha dak iz-zmien kien jahdem bhala Pulizija u kien jidhol lura d-dar tard hafna ghalhekk ghalih id-dar kienet iktar qisha lukanda. Taf ukoll illi missierha kellu habiba ciniza u fl-opinjoni taghha din kienet ir-raguni 'il ghaliex il-genituri taghha kienu sseparaw. Hija tghid illi bhala familja huma ma kenux *close* u lanqas il-genituri taghha ma kienu *close* flimkien. Hija tghid illi missierha kien *introvert* u ma kienx jiftah qalbu maghhom. Fil-fatt hija u ohtha huma iktar migbuda lejn ommhom u fil-fatt joqghodu t-tnejn maghha. Tghid illi qatt ma rat lill-genituri taghha jinhabbu jew jaghtu xi bewsa lil xulxin u lanqas izommu idejn xulxin. Ommha kienet tahdem il-White Rocks bhala *chambermaid*.

Illi x-xhud tghid illi ommha kienet it-tip li thobb tohrog, izda thobb toqghod id-dar ukoll. L-ikbar habiba ta' ommha kienet ohtha. Taf illi qabel is-separazzjoni ommha kienet iltaqghet b'kumbinazzjoni barra ma' Mohammed Hazouri li kien Lebaniz konoxxenza taghhom. F'din l-okkazzjoni hija kienet maghha u huma marru jiehdu kafe` mieghu daqskemm kien iffitthom. Darba minnhom kien anke gie d-dar ghandhom. Hija taf ukoll illi ommha kienet tiffrekwenta l-gabbana ta' l-Imsida ghaliex kienet habiba mas-sid li kien jismu Guzi. Tghid illi gieli semghet lil ommha tghid lil missierha illi ahjar ma joqghodx taht l-istess saqaf maghha u biex jitlaq jghix ghal rasu mac-Ciniza.

Illi l**-konvenuta** xehdet f'zewg seduti quddiem l-esponenti u cjoe` dik tat-18 ta' Settembru 2001 kif ukoll fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2001.

Illi hija tixhed u tghid illi iltaqghet ma' l-attur meta kellha 25 sena vicin l-Ambaxxata Amerikana fejn huwa kien jahdem bhala *security*. Tghid illi huma izzewgu sena u nofs wara li kienu iltaqghu. Dan kien perijodu ta' namrar. Wara sitt xhur li iltaqghu huma bdew ifittxu post fejn imorru joqghodu. Huma kienu jiltaqghu spiss qabel izzewgu, madwar erba` darbiet jew hames darbiet fil-gimgha u dan skond kemm kien jippermetti x-xoghol ta' l-attur. Huma bdew jidhlu d-dar ta' xulxin madwar xahar wara li ltaqghu. Tghid illi l-genituri ta' l-attur kienu nies mill-ahjar u anke l-genituri taghha kienu kuntenti bl-attur. Il-genituri taghha

kienu jiddejqu biss ghaliex kien imur ghandhom id-dar wara d-9:00 p.m. wara li kien ilesti mix-xoghol u huma ma kenux jiehdu pjacir. Kien idum sal-10:00p.m., imbaghad jitlaq.

Illi l-konvenuta tichad illi hija kellha problemi mal-genituri taghha. Tghid illi missierha kien bniedem nervuz u kien jitlaghlu malajr, pero' hija ma kellhiex problemi serji mieghu. Hija tghid illi omm l-attur ma kenitx favur iz-zwieg taghhom, peress illi hija kienet tghid illi binha kien ghadu zghir. Huwa kellu 21 sena. Huma kienu familja kbira u l-attur kien jghinhom finanzjarjament.

Illi l-konvenuta tghid illi hija kienet ippreparata ghaz-zwieg. Huma ma kenux tkellmu fuq il-kwistjoni tat-tfal peress illi kienu maghfusin bl-ispejjez tad-dar u ta' l-ghamara. Il-konvenuta tghid illi hija bdiet thossha qed tikber. Kellha kwazi sitta u ghoxrin sena u ghalhekk ma reditx iddum biex tizzewweg u anke biex ikollha t-tfal. Fl-eghrusija, tghid illi bhala koppja ma kellhomx problemi. Tiftakar pero` illi kienet ghamlet xi zmien imdejqa peress illi ma setghetx tohrog kif trid ma’ l-attur. Nhar ta' Hadd huwa kien ikun xoghol u ma kenux jiltaqghu. L-attur kien jghir ghaliha, izda din l-ghira tieghu zdiedet wara z-zwieg.

Illi l-preparamenti ghat-tieg kienet hadet hsiebhom hi. Hija tghid illi l-attur ma kienx bniedem bil-ghaqal fil-flus u hija kienet tinsisti mieghu biex igemma. Ghalhekk hija kienet izommlu l-flus, izda ommu ma kenitx tiehu pjacir. Hi kienet tghidlu illi jekk ihassru kienet taghtih il-flus lura. Fil-familja taghha hija tghid illi qeghdin tlett ahwa filwaqt illi l-attur qeghdin sebat ahwa.

Illi t-tieg, tghid il-konvenuta kien wiehed normali u ma nqala` l-ebda incident partikolari. Il-konvenuta tghid illi huma damu jghixu flimkien bhala mizzewgin madwar ghoxrin sena. Ftit wara z-zwieg, hija xtaqet it-tfal peress illi bdiet tiddejjaq wahedha d-dar u dan ghaliex ir-ragel kien ikun dejjem xoghol. Hija tghid illi kienet imdorrija tahdem u ghalhekk wara z-zwieg bdiet tiddejjaq ma tiltaqax man-nies u wahedha. Tkompli tghid illi wara ftit snin taz-zwieg l-ghira ta' l-attur kompliet zdiedet, tant illi anke beda

jghamlilha l-ghassa anke jekk kienet tohrog u tmur kantuniera boghod. Din il-hajja bdiet tmarradha ghaliex kienet thossha l-hin kollu bl-ghassa. Kienu jiggieldu spiss fuq din il-bicca tax-xoghol. Tghid illi l-attur spiss kien jakkuzaha illi hija kellha relazzjonijiet ma' irgiel ohra. Il-konvenuta kienet toggezzjona illi huwa jghassisha u darba minnhom kellhom incident fejn huwa refaghha bic-cajt u waqqaghha bil-goff u spiccat l-isptar b'*concussion*. Anke jekk kien jaraha tkellem lil xi persuna l-attur kien jakkuzaha li qed taqlibhielu. Hija tirrakonta incident partikolari meta il-patata kienet skarsa fiz-zmien l-amministrazzjoni laburista. Kien waqqafha wiehed ibigh il-haxix biex jghidilha li kien refghalha wizna patata. Kien raha l-attur u haseb illi hija kienet qed taqlibhielu ma' dan ir-ragel. Hija tghid illi t-tensjoni li kien hemm bejniethom kienet minhabba din l-ghira ta' l-attur. Minhabba f'din l-ghira kontinwa, il-konvenuta tghid illi hija ftit ftit bdiet tibred minnu biex wara hdax-il sena taz-zwieg hija kienet birdet kompletament mir-ragel.

Illi hija tghid illi anke mat-tfal kien ikun hemm il-problemi ghaliex l-attur ma kienx ikun irid illi huma jdejquh anke waqt illi kien ikun qieghed jara t-televizjoni. F'okkazjoni partikolari huwa kien qabad lit-tifla u waddabha mal-hajt u kien ser jolqtilha rasha u minn hawn hija bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni.

Illi l-konvenuta tghid illi minn qabel iz-zwieg l-atteggjament tieghu kien jindika illi l-attur kien bniedem ghajjur u li jrid kollox kif jghid hu, pero' wara z-zwieg dan l-atteggjament iggrava. Meta l-konvenuta regghet bdiet tahdem wara z-zwieg, l-ghira ta' l-attur zdiedet. Qabel iz-zwieg hija tghid illi kienu tkellmu dwar il-fatt illi hija tibqa` tahdem u wara z-zwieg huwa ma sabx oggezzjoni. Qatt ma garr maghha illi hija kienet taghti xi kunfidenzi fuq il-post tax-xoghol ghalkemm il-hsieb hazin tieghu dejjem kien ikun hemm.

Illi l-konvenuta tghid illi madwar hames snin wara z-zwieg anke hija bdiet tghamillu l-ghassa, u dan bl-iskop illi hija ikollha biex tiggilidlu meta huwa jibda` jakkuzaha illi qeghda taqlibilu, pero' tghid illi qatt ma rat ghajn hazina minnu. Tghid illi hija hadet dan il-pass biex ikollha ma xiex

tiggranfa difrejha meta huwa jibda` jakkuzaha u bl-istess mod hija tkun tista takkuzah.

Illi l-konvenuta tikkonferma illi qabel iz-zwieg hija kienet ghamlet ftit taz-zmien tohrog ma "Ta' Johnsons ta' l-Imsida" certu John Debattista. Hija tghid illi f'dan iz-zmien hija kienet ghadha ma iltaqghetx ma' l-attur. Hija tispjega illi l-ahwa ta' John Debattista kienu l-hin kollu ghassa fuqhom u ma redux li huma jizzewgu peress illi kienu familja tal-flus. B'hekk huma kienu nfirdu u wara hija iltaqghet ma' l-attur.

Illi dwar l-incident tal-karta li semma` l-attur fix-xhieda tieghu, hija tirrakonta illi f'okkazjoni partikolari huma kienu gejjin lura mill-iskola wara li wasslet it-tfal hemmhekk u dan John Debattista ghadda minn hdejha bil-karozza u waddbilha karta, izda ma kellimhiex. Fil-karta hu kien talabni niltaqa` mieghu f'certu hin u f'certu post. Tghid illi hija fil-fatt ma kenitx marret. Dan Debattista ried jerga` jibda jinnamra maghha wara z-zwieg u kien ghalhekk li kien stedinha tiltaqa` mieghu. Minhabba f'dan l-incident il-konvenuta kienet iggieldet mar-ragel peress illi huwa kien sab din il-karta. Ma' dan John Debattista l-konvenuta tghid illi qatt ma ltaqghet ghalkemm kienet tmur il-hanut tieghu biex tixtri kull meta kien ikollha bzonn. Tghid illi John Debattista gieli kien icemplilha biex jiltaqghu, izda hija qatt ma setghet tiltaqa` mieghu anke minhabba t-tfal. Hija tammetti illi li kieku ma kienx ghat-tfal, hija kienet tasal biex terga` tibda` relazzjoni mieghu anke biex tisfida lill-attur talli kien jghajjarha.

Illi tammetti wkoll illi hija kienet tinzel il-gabbana ta' l-Imsida tkellem lis-sid. Hija kienet tinzel bit-tifla l-kbira u dan biex tiehu *drink* minn hemmhekk, wara li titlaq minn ghand ommha u qabel ma tmur lura d-dar. Dan kien ikun fis-sajf. Tichad illi hija qatt kellha relazzjoni ma' din il-persuna ghalkemm l-attur kien jakkuzaha wkoll b'dan. Dan ir-ragel, u cjoe` s-sid tal-gabbana, kien jghidilha illi kien jara lill-attur jidhol spiss il-bank ta' l-Imsida, dak iz-zmien il-Mid-Med Bank. Meta hija staqsietu x'kien imur jaghmel il-bank, l-attur kien qalilha illi huwa kien imur ikellem habib tieghu Pulizija li kien jahdem *part-time* il-bank. Wara ftit

gimghat il-konvenuta kienet cemplet il-bank bl-iskuza biex tara kemm kien fadal flus fil-kont bankarju taghhom. B'hekk kienet skopriet illi l-flus li kien hemm kienu ingibdu hlief ghal Lm50. Dak il-hin hija kienet nizlet il-bank u gibdet il-flus li kien fadal. Meta staqsiet lill-attur x'kien ghamel bil-flus huwa kien qalilha illi kien nefaqhom fi *spray* u parts ghal karozza, izda qatt m’urieha ricevuti. u ghalhekk ghadha sa llum ma tafx x'sar minn dawn il-flus.

Ili l-konvenuta tirrakkonta episodju iehor meta kienet stiednet habiba taghha, li kienet xebba, ghall-ikla tal-Milied u dana biex ma tibqax wahedha. Din kienet ghadha kemm hassret minn ma' l-gharus. Meta kienu spiccaw mill-ikel ghall-habta tas-siegha ta' filghodu din il-persuna ma reditx tmur lura d-dar wahedha ghaliex bdiet tibza` u kienet qalet lill-attur biex iwassalha d-dar u huwa hekk kien ghamel. L-ghada l-habiba taghha kienet qaltilha illi l-attur kien ipprova jbusha meta mar iwassalha. Hija qaltli illi kienet lesta tkellmu quddiemi. Din il-mara kien jisimha Joan. Quddiemha l-attur kien cahad illi dan kien veru.
Illi l-konvenuta tghid illi ghalkemm ir-ragel kien jghidilha illi qatt ma kien irikkeb nisa fil-karozza, f'okkazjoni meta hija kienet ghamlitlu l-ghassa kienet ratu ghaddej fil-karozza ma' Pulizija mara u baqa` sejjer mill-Imsida lejn B'Kara. Hija kienet ratu darba biss, kienet kellmitu u huwa cahad u qalilha li kienet rat hazin.

Illi l-konvenuta tghid ukoll illi l-attur kellu vizzju jahtafha bil-kliem quddiem in-nies. Tghid illi kienet tant dratu illi ma baqghetx taghti kas. Kienet din il-habiba taghha Joan illi irrimarkatilha illi r-ragel taghha kellu vizzju jiksirha quddiem in-nies. Dan il-vizzju kien jezisti mill-bidu taz-zwieg u biz-zmien kien zdied.

Illi rigward ir-relazzjoni ta' l-attur ma' wliedu, l-konvenuta tghid illi din ma kenitx xi wahda tajba u l-attur ma tantx kien jaghti kashom. Meta kienet twieldet it-tifla il-kbira Diane, l-ewwel haga li kien qalilha kienet: "Dik tieghi, daqskemm hi kerha, ma tixbahniex." Lit-tfal, hija tghid, illi ma tantx kien ikellimhom. Meta kien jigi lura mix-xoghol, kien jiekol u jmur quddiem it-televizjoni, partikolarment kien jara lil Benny Hill. Imbaghad kien imur jorqod. Bil-

kemm kien jitkellem. Il-konvenuta tiddeskrivi lil zewgha bhala ragel ta' ftit kliem. Tghid illi rari kienet tarah jidhaq hlief ghal Benny Hill. Tghid illi kienet sabitlu anke *films* pornografici. Fil-fatt tghid illi l-attur gieli gabhom u qadu jarawhom flimkien.

Illi l-konvenuta mbaghad tixhed dwar il-perjodu meta hija bdiet tahdem il-White Rocks Complex. Tghid illi gieli kienu johorgu u jmorru bit-tfal hemmhekk u jiltaqghu mal-hbieb. F'okkazjoni partikolari kien hemm tlett irgiel Polakki li kienu jahdmu fuq il-vapur tad-Dockyards. Kienu ghajtu lilha u lil zewgt ihbieb taghha u kienu telghu ghandhom jiehdu kafe'.

Illi rigward il-Lebaniz illi l-attur isemmi fix-xhieda tieghu, l-konvenuta tghid illi dan kien jismu Mohammed Hazouri u li kien laqqaghha mieghu l-attur stess. Dan kien spizjar gewwa l-isptar San Luqa u gieli hija kienet izzomlu t-tfal. Tghid illi gieli gabilhom il-medicini b'xejn mill-Isptar meta t-tfal kienu ikunu ma jifilhux. Tghid illi dan ir-ragel gieli kien imur ghandhom id-dar anke meta ma kienx ikun hemm l-attur, izda fl-ahhar tghid illi pprova jittanta lit-tifla l-kbira u hija keccietu 'l barra. Izzid tghid illi gieli anke lilha ittanta u hija kienet tithajjar ghaliex kien ragel dhuli, izda meta rat illi huwa kien ser jaqbad mat-tifla hija kienet keccietu. Rigward Manolito Cuesta, hija tammetti illi kienet bdiet tohrog ma' dan il-bniedem u li kienu ser jaqbdu relazzjoni flimkien. Dan gara meta t-tifla il-kbira kellha madwar sitt snin. Kienet waqfet tiltaqa` ma' dan il-bniedem meta tghid illi rat l-istorja gejja bil-kbira.

Illi l-konvenuta tixhed imbaghad fuq l-aspett sesswali taz-zwieg taghhom. Tammetti illi hija ma tantx kienet tkun trid ikollha x'taqsam sesswalment ma' zewgha u dan peress illi hija bdiet tibred minnu ftit ftit.

Illi hija tghid illi l-attur ma kienx johrog la lilha u lanqas lit-tfal. Dan kien mill-bidu nett taz-zwieg u ghalhekk kienet tispicca dejjem tohrog wahedha jew inkella jkollha toqghod gewwa. Kienet titlob lill-attur biex johorgu izda huwa qatt ma kien ikun irid ghaliex kien jippreferi joqghod id-dar. Tghid illi huwa kien iktar jippreferi t-tfal tan-nies

milli lil uliedu u kienet tirrabja meta kienet tarah jerfa` lit-tfal tan-nies u lil tieghu jinjorhom.

Illi hija tghid illi ftit qabel ma inbdew il-proceduri ghas-separazzjoni, l-attur kien qabad relazzjoni ma' mara Ciniza, liema mara ghadu maghha sa llum. Din il-mara ghamlet zmien iccempel id-dar u ghalhekk hija kienet indunat illi kien hemm xi haga bejniethom. Meta kien icempel it-telefon kien iqum jigri jkellimha u wara kien jitlaq 'il barra bl-iskuza li sejjer jaghmel bicca xoghol. Il-konvenuta kienet anke ratu hdejn il-bahar maghha gewwa tas-Sliema. Ftit wara kienu sseparaw.

Illi in kontro-ezami l-konvenuta tghid illi missierha kien ghaggilha biex tizzewweg. Kien il-hin kollu jiffittaha biex tfittex tizzewweg. Fil-fatt tghid illi qabel ma iltaqghet ma' l-attur, missierha kien ipprova jlaqqaghha ma' ragel iehor u hija kienet bdiet tiffrekwentah ghalkemm ma kellhiex grazzja mieghu. Tghid il-konvenuta illi missierha kien anke jippreferi lil hutha ghaliha. Ghalhekk kienet iddecidiet illi kien ahjar illi hija u l-attur isibu post u jizzewgu biex b'hekk hija tkun aktar libera peress illi missierha kien jissikaha u meta ma kenitx tobdieh kien anke ikun aggressiv maghha. Il-konvenuta tghid illi missierha kien jahdem fis-servizz u kien jimxi bl-istess dixxiplina maghhom id-dar. Tghid illi anke biex isejjhilhom, kien isaffrilhom.

Illi mistoqsija jekk kienx hemm intimita` bejnha u bejn l-attur, il-konvenuta tghid illi zewgha kien ta' nofs kliem u biered u ma tantx kien hemm komunikazzjoni bejniethom. Tghid illi qabel iz-zwieg hija kienet tittama illi kien ser jinbidel, izda dan ma sehhx. Hija tghid illi l-attur kien immatur meta huma zzewgu, tant illi lanqas biss kellu flus u kienet ghalhekk hadet hsieb kollox hi. Issostni illi huwa ma kellux sold u lanqas kien kapaci jfaddal. Ommu kienet tehodlu mill-paga u huh kien jehodlu l-flus minn taht l-imhadda fejn kien iqeghdhom.

Illi hija tkompli tixhed in kontro-ezami u tghid illi hija ma tantx kienet tfittex lil zewgha sesswalment u dan peress illi hu ma kienx jaghti kasha u minhabba din ir-raguni hija bdiet tibred minnu. Dan sehh mal-bidu taz-zwieg.

**ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-kontendenti zzewgu fl-10 ta' Gunju 1973. Dan qed jigi rilevat peress illi l-**Att Dwar iz-Zwieg** li abbazi tieghu gew ifformulati l-premessi tac-citazzjoni u anke t-talba attrici ma kienx ghadu gie promulgat meta gie celebrat iz-zwieg mertu ta' din il-kawza. **L-Att numru XXXVII** sar ligi fit-12 ta' Awissu 1975 u sussegwentement gie emendat permezz ta' l-**Att XXXIV ta' l-1981, III ta'l-1983 u I ta' l-1995**. Illi l-ligi l-gdida li ghalhekk bdiet tirregola z-zwigijiet civili madanakollu ma kenitx ser tolqot dawk iz-zwigijiet li kienu validi taht il-ligi vigenti meta gew iccelebrati.

Illi l-**artikolu 36 (2)**, li qabel kien l-**artikolu 24, ta' l-Att ta' l-1975** jghid testwalment:-

*"Ebda haga f'dan l-Att ma ghandha tolqot il-validita' ta' zwieg li kien validu meta sar."*

Illi madanakollu, fid-dawl ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi l-Qorti ma tistax hlief tapplika ghal kaz in dizamina dik il-ligi li kienet tirregola z-zwigijiet meta gie celebrat iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti. Illi qabel ma giet promulgata l-Ligi Dwar iz-Zwieg, **Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, ma kien hawn l-ebda regolament dwar l-istituzjoni taz-zwieg taht il-ligi civili. Din is-sistema kienet tirregola biss l-effetti taz-zwieg (Kodici Civili), pero' ma kienx hemm regoli tad-dritt civili li jirregolaw il-kostituzjoni validu taz-zwieg u dwar id-dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwigijiet. Illi in mankanza ta' din il-ligi d-drawwa evolviet li z-zwieg kellu jigi celebrat *in linea* mar-riti preskritti mir-religjon tal-partijiet.

Illi l-provvediment transitorju ta' l-**Att XXXVII ta' l-1975**, kien gie ppromulgat, ghalhekk, sabiex jaqta` linja bejn l-applikazzjoni tal-ligi religjuza personali tal-partijiet u l-ligi l-gdida ppromulgata mill-Parlament. Iz-Zwigijiet ghalhekk li gew iccelebrati qabel l-1975 kellhom jigu regolati bil-ligi *in vigore* dak il-hin, li fil-maggoranza tal-kazijiet kienet il-ligi kanonika. Dan jixhduh id-diskussjonijiet fuq din id-dispozizzjoni tal-ligi mid-debattiti tal-Kamra tar-

Rapprezentanti. Madanakollu l-Qrati taghna matul il-medda taz-zmien taw l-interpretazzjoni taghhom ghal din id-dispozizzjoni transitorja u l-applikabbilita` taghha fil-kwazi fejn qieghed jintalab l-annullament ta' zwieg li gie iccelebrat qabel l-1975.

Illi sentenza li dahlet fil-fond fuq dan l-argument hija bla dubju s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Ottubru 1988 fl-ismijiet **"Louis Agius vs Giorgia Agius xebba Gauci",** fejn il-Qorti studjat l-applikabbilita ta' l-Att dwar iz-Zwieg ta' l-1975, kif emendata, ghal zwigijiet li gew iccelebrati qabel l-1975 fejn inghad li:-

" ... *L-estensjoni tar-retroattivita` ta' l-artikoli imsemmija ghaz-zwigijiet li saru qabel il-15 ta' Lulju 1975 giet mill-legislatur limitata biss ghal dawk il-kazijiet fejn iz-zwieg ma kienx validu skond il-ligi vigenti meta gie kontrattat*." Jigifieri jekk zwieg kien validu skond il-ligi vigenti meta sar dak kollu provdut fl-**Att XXXVII ta' l-1975** ma jistax jolqot il-validita' tieghu, mentri jekk ma kienx hekk validu allura l-artikoli msemmija jistghu wkoll jigu invokati. Kemm dan hu hekk jirrizulta wkoll mid-*debate* fuq is-*Second Reading* li sar fil-Kamra tar-Rapprezentanti fis-seduta tal-21 ta' Lulju 1975 meta l-Onorevoli Dr. Anton Buttigieg li ppilota l-Abbozz fir-rigward ta' kawzi ta' annullament ta' zwigijiet gia kontrattati qal hekk: *Pero` dak li sar huwa validu, naturalment, u ma jistax jithassar u jekk hemm xi hadd li qieghed jistenna illi bil-ligi taghna ser ihassar iz-zwieg tieghu, jiddispjacini, ghandna ahbar hazina ghalih, ghandna ligi iktar stretta u iktar serja.*

Illi dan necessarjament iwassal ghall-konkluzjoni li f'kazijiet ta' zwigijiet kontrattati qabel id-data msemmija, l-Qrati ghandhom fl-ewwel lok jezaminaw jekk dak iz-zwieg kienx validu skond il-ligi li kienet tapplika ghalih fiz-zmien meta sar, ghax jekk kien validu allura dak kollu li hemm fl-Att imsemmi ta' l-1975 ma jistax jolqot dik il-validita`. Huwa biss jekk dak iz-zwieg ma kienx hekk validu, li l-Att jista` jigi invokat pero' mhux altrimenti." (ara ukoll **"Samuela Lea Pavia vs John Pavia"** - PA 20 ta' Mejju 1996).

Illi f'dan il-kaz jirrizulta illi l-kontendenti, izzewgu permezz tar-rit kattoliku u ghalhekk il-ligi li kienet tirregola z-zwieg taghhom kienet id-Dritt Kanoniku. Ghalhekk hawnhekk wiehed bilfors irid japplika dak dispost fil-Kodici ta' Dritt Kanoniku promulgat mill-organi kompetenti tal-Knisja Kattolika ghaz-zwigijiet biex jigi investigat qabel xejn jekk iz-zwieg li gie iccelebrat bejn il-kontendenti kienx zwieg validu.

Illi f'dan ir-rigward ukoll madanakollu, ghandu jigi rilevat illi il-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku li jirregolaw iz-zwieg, applikabbli fiz-zmien illi gie ccelebrat iz-zwieg mertu ta' din il-kawza kien ukoll differenti minn dak applikabbli llum, *stante* illi l-Kodici ta' Dritt Kanoniku gie wkoll emendat fl-1983 meta fost affarijiet ohra l-Knisja Kattolika tat definizzjoni taz-zwieg kattoliku u il-kunsens matrimonjali u, introduciet *capita nullitatis* ta' zwieg godda. Illi ghalhekk il-ligi applikabbli qabel l-1975 fir-rigward tad-dritt kanoniku kien l-hekk imsejjah Kodici Pio Benedittin ta' l-1917.

**<u>IL-KODICI PIO BENEDETTINO ta' l-1917.</u>**

**Il-kanoni 1081(2) tal-Kodici Benedittin** jghid is-segwenti dwar il-kunsens matrimonjali:

"*Consensus matrimonialis est actus voluntatis quo utraque pars tradit et acceptat ius in corpus, perpetum et exclusivum in ordine ad actus per se aptos ad prolis generationem.*"

*(Marriage consent is the act of the will by which both parties gives and receives the right over their bodies, perpetual and exclusive, ordained towards acts which in themselves are apt/suitable for the procreation of offspring).*

Il-Kodici ta' l-1917 ghalkemm ma jaghtix definizzjoni essenzjali taz-zwieg, jaghzel li jiddeskrivi l-essenza taz-zwieg meta jiddeskrivi l-att tal-kunsens ghaz-zwieg. Il-kunsens bhala att uman li ghandu effetti guridici jrid ikollu certi karatteristici. Nistghu nghidu li l-gurisprudenza kollha

dwar il-validita` u l-invalidita` taz-zwieg hija bbazata fuq il-principju ta' jekk hemmx kunsens li jghodd jew le.
Illi l-Kodici Benedettin ghalhekk fid-deskrizzjoni li jaghti tal-kunsens matrimonjali jesigi illi biex il-kunsens ta' zewg partijiet fiz-zwieg ikun validu jehtieg li dan ikun rizultat ta' att liberu u volontarju li permezz tieghu l-koppja reciprokament jaghtu u jikkoncedu il-*Ius in corpus*, esklussiva u perpetwa, liema dritt ghandu jkun intenzjonat ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied. **Antonio Abate** fil-ktieb tieghu: "*Il matrimonio nell' attuale legislazione canonica*" jghid:

*"Dunque, la causa efficiente, la fonte prossima di ogni matrimonio particolare e' il consenso delle parti. ... Come atto di volonta, il consenso matrimoniale presuppone un atto dell'intelletto che gli presenti l'oggetto su cui deve portarsi, poiche' nulla si puo' volere senza previa conoscenza. Percio' e' necessario, prima di tutto, che sia un atto umano, che cjoe` scaturisca da una cosciente e libera scelta di ambedue le parti. E' insieme un atto di volonta personale che deve intercorrere direttamente fra le persone che si legano l'una all'altra senza possa essere supplito da alcuna autorita umana. E' inoltre un atto di volonta irrevocabile impossibile ad essere privato della sua efficacia una volta sia stato posto con tutti i requisiti inerenti alla sua natura."*

Il-Kodici Benedittin jitratta l-kunsens matrimonjali u d-difetti fil-kunsens fil-**kanoni 1081 sa l-1093**:-

**Kanoni 1082** jitratta dwar il-vizzju tal-kunsens minhabba njoranza dwar x'inhu z-zwieg u l-elementi essenjzali tal-hajja mizzewga.

**Kanoni 1083** jitkellem dwar l-izball dwar il-persuna li iwassal ghan-nullita` taz-zwieg.

**Kanoni 1084** jghid illi zball rigward il-kuncett ta' l-unita taz-zwieg, l-indissolubbilita` tieghu jew inkella dwar iz-zwieg bhala sagrament ma hux vizzju tal-kunsens.

**Kanoni 1085** ukoll jghid illi l-kunsens matrimonjali ma jigix eskluz jekk ikun hemm twemmin fil-partijiet illi z-zwieg huwa wiehed null.

**Kanoni 1086** imbaghad jitratta dwar is-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali.

**Kanoni 1087** jitratta dwar il-vizzju tal-kunsens meta l-istess kunsens ikun gie mehud b'vjolenza jew biza`.

**Kanoni 1088** jirrikjedi l-prezenza tal-koppja ghac-celebrazzjoni taz-zwieg, personalment jew permezz ta' prokura u li l-istess iridu jesprimu bil-kliem il-kunsens taghhom ghaz-zwieg.

**Kanoni 1089** jiddisponi dwar iz-zwieg "*per procura*".

**Kanoni 1090** jitkellem dwar iz-zwieg li jsir permezz ta' nterpretu.

**Kanoni 1091** l-obbligi tac-celebrant meta iz-zwieg isir per prokura jew permezz ta' nterpretu.

**Kanoni 1092** jitratta dwar kunsens matrimonjali li huwa marbut ma' xi kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

**Kanoni 1093** jitkellem dwar zwieg li jigi ccelebrat meta jkun hemm l-ezistenza ta' xi mpediment validu.

Illi ghandu jinghad illi ma' dawn il-*capita nullitatis* indikati fil-Kodici Benedittin, il-gurisprudenza rotali zieded ukoll bhala difett tal-kunsens matrimonjali l-principju tan-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju li diga` kienet bdiet tigi applikata qabel l-introduzzjoni tal-Kodici Kanoniku ta' l-1983. F'decizjoni tar-Rota tad-19 ta' Dicembru 1961, ***De Jore*** kien issottolinea li "*it is necessary that the contracting party be possessed of that discretion of mind and freedom of will that is generally required for entering into any contract and especially into this perpetual and indissoluble contract, through which a state of life is accepted which has grave obligations*." Din il-*caput nullitatis* giet ikkodifikata permezz tal-Kodici Kanoniku ta' l-

1983. (ara sentenza **"Samuela Lea Pavia vs John Pavia"**- PA 20 ta' Mejju 1996).

Illi jidher mill-kawzali tac-citazzjoni u anke mit-talba illi l-attur qieghed jibbaza l-kawza tieghu fuq id-difetti tal-kunsens ravvizati fil-paragrafi **(c) u (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 19 tal-Kap 255**. Ghandu jinghad qabel xejn illi l-ebda wahda minn dawn id-dispozizzjonijiet tal-ligi ma kienu jezistu fil-Kodici Benedittin izda kif inghad iktar 'il fuq il-gurisprudenza dejjem applikat bhala difett tal-kunsens matrimonjali l-principju tan-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Illi ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina din il-*caput nullitatis* fid-dawl tal-provi prodotti.

**<u>ID-DIFETT SERJU TA' DISKREZZJONI TAL-GUDIZZJU FUQ IL-HAJJA MIZZEWGA.</u>**

Illi kif diga` gie mfisser iktar 'il fuq, il-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali m'huwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratti in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss iridu jkollhom il-kapacita` li jaghtu dak il-kunsens izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra l-kunsens ma jkunx gie moghti bl-iktar mod liberu u bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu iz-zwieg, allura jinholoq id-dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia* foedus *richiede una capacita intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati della legge, richiede quindi, una intergrita' di mente e' di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita."* (**Forum 1990**, Vol.1, part 1, page72)

Illi madankollu l-kuncett tad-*discretio judicii* ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih

il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi l-Qorti ser taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** fl-4 ta' Novembru 1994 fejn il-Qorti studjat fil-fond dan il-vizzju tal-kunsens anke fid-dawl tad-dritt kanoniku. Fil-fatt fi kwotazzjoni twila tal-Pompedda, il-Qorti sostniet: "*In ogni caso i nubenti debbono avere coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cjoe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale sia nei rigwardi dell'altra parte sia nei rigwardi della prole."*

Illi l-istess sentenza tidhol ukoll fil-fond f'dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu.

"*Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, <u>e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano</u>. Una discrezione che impegni per il futuro."*

Illi dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi fis-sentenza **“Janet Portelli vs Victor Portelli”** deciza fl-14 ta' Awissu 1995 fejn il-Qorti, fid-dawl tal-ligi kanonika, qalet:

"*It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will freedom (autonomia) from all force from within."*

Illi finalment rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza hawn fuq citata dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu.

Illi mill-provi prodotti applikati ghall-principji fuq esposti jirrizulta li l-partijiet izzewgu meta huma diga` kellhom 'il fuq minn ghoxrin sena. L-attur kien izghar fl-eta’ mill-konvenuta. Il-konvenuta kienet issikkata hafna d-dar u missierha riedha tizzewweg akkost ta' kollox. Jidher madankollu illi ghalkemm il-hajja familjari taghhom it-tnejn ma kenitx xi wahda felici, izda huma hadu d-decizjoni li jizzewgu bl-iktar mod liberu u xjenti. Il-konvenuta tghid illi hija kellha herqa kbira biex hija issib sieheb halli tfittex tizzewweg. Fil-fatt ghall-konvenuta, kif xehdet hija stess, hija bdiet tara z-zwieg bhala mezz biex hija takkwista il-liberta` li ma kellhiex id-dar tal-familja taghha minhabba r-restrizzjonijiet li kien jimponi fuqha missierha. Hija tghid illi missierha kien diga` ipprova izewwigha lil persuna ohra, izda hija ma kellhiex grazzja mieghu u ghalhekk ma

accettatx dak illi kien qed jigi propost min-naha ta' missierha. Dan kollu madanakollu ma jfissirx illi l-konvenuta ma kellhiex dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju mehtiega biex hija tidhol ghal kuntratt taz-zwieg.

Illi min-naha ta' l-attur, jidher illi hu kien jghix f'familja kbira. Kellu sitt hutu u ommu kienet tehodlu mill-flus li kien jaqla` biex jghinha finanzjarjament. Fil-fatt jidher illi l-omm kienet kontra z-zwieg u dan ghaliex hija ma reditx lil binha jitlaq mid-dar b'mod illi hija titlef l-ghajnuna finanzjarja li kellha. Madanakollu l-kontendenti xorta wahda iddecidew li jizzewgu, kif fil-fatt ghamlu. Il-hajja marimonjali taghhom ma jidhirx li kienet wahda ta' success. Huma kellhom zewgt itfal bniet. Ma jidhirx li kien hemm komunikazzjoni bejniehtom bhala koppja u l-konvenuta tghid illi ftit wara z-zwieg hija bdiet tibred minn zewgha.

Illi madanakollu ma irrizulta minn imkien mill-kumpless tal-provi illi l-kontendenti ma kellhomx dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjesti ghall-hajja matrimonjali u dan fid-dawl ta' l-aspetti legali esposti iktar 'il fuq fil-mument ta' l-ghotja tal-kunsens matrimonjali. Minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi l-kontendenti ma kellhomx dik il-maturita` rikjesta mill-ligi biex huma jifhmu dak kollu illi ifisser iz-zwieg u d-dmirijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga. Lanqas ma jidher illi xi wahda mill-partijiet kienet affetta minn xi anomalija psikologika jew xi difett fil-personalita` li setghet ghalhekk twassal ghal nuqqas ta' diskrezzjoni tal-gudizzju. Illi ghalkemm jidher illi l-kontendenti setghu dahlu ghal kuntratt taz-zwieg ghal ragunijiet personali taghhom, madanakollu, l-esponenti hija tal-fehma illi ma giex sodisfacentement ippruvat illi xi wahda mill-partijiet kienet affetta minn difett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja matrimonjali fid-dawl ta' dak dispost taht il-ligi kanonika u kwindi t-talba attrici fid-dawl ta' dan il-*caput nullitatis* ma tistax tintlaqa'.

Illi l-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina jekk iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti jistax jigi iddikjarat null minhabba li l-kunsens ta' xi wiehed minnhom kien gie issimulat u dan fid-dawl ta' dak dispost fil-**Kanoni 1086 tal-Kodici Benedittin**:

## SIMULAZZJONI TAL-KUNSENS MATRIMONJALI

Illi ghalkemm l-attur ma huwiex qieghed jibbaza t-talba tieghu ghall-annullament fuq dan il-vizzju tal-kunsens il-Qorti xorta wahda sejra tghaddi biex tezamina dan il-*caput nullitatis* u dan peress illi kif diga` inghad iktar 'il fuq skond dak dispost fl-**Att taz-Zwieg ta' l-1975**, il-Qorti trid tara jekk iz-zwieg kienx wiehed validu fiz-zmien meta gie iccelebrat.

**Kanoni 1086 jiddisponi:**

1. *Internus animi consensus semper praesumitur conformis verbis vel signis in celebrando matrimonio adhibitis.*

2. *At si alterutra vel utraque pars positivo voluntatis actu excludat matrimonium ipsum, aut omne ius ad coniugalem actum, vel essentialem aliquam matrimonii proprietatem, invalide contrahit.*

(1). Il-kunsens interjuri huwa dejjem prezunt illi jikkorispondi mal-kliem u gesti wzati fic-celebrazzjoni taz-zwieg.

(2). Jekk, madanakollu wiehed jew iktar mill-partijiet, b'att pozittiv tal-volonta` jeskludi z-zwieg innifsu, jew kwalsiasi dritt ghall-att konjugali, jew kwalunkwe proprjeta essenzjali taz-zwieg, jintrabat invalidament.

Illi hawnhekk din ir-regola qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa l-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista` jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur **F. Anzar Gil** fil-ktieb tieghu: "*El nuevo derecho matrimonial canonico*" jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali.

"*Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta' in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale.*"

Illi kif inghad iktar 'il fuq il-**Kodici Benedittin** jaghti deskrizzjoni tal-kunsens matrimonjali bhala wiehed li jrid ikun ir-rizultat ta' att liberu u volontarju li permezz tieghu l-koppja reciprokament jaghtu u jikkoncedu l-*Ius in corpus*, esklussiva u perpetwa, liema dritt ghandu jkun intenzjonat ghal prokreazzjoni ta' l-ulied.

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

"*Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell' interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta'*." (***J.F. Castano'*** **- Il Sacramento del Matrimonio).**

Illi l-ligi taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabilixxi l-ligi ghall-kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per

ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita' *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi investigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi jkun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda irid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta ikollha l-volonta` u x-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista` ikun illi mic-cirkostanzi kollha li isegwu tal-hajja matrimonjali jkun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

"*L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione implicita vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi.* ***(O. Giacchi*** **- Il consenso matrimoniale canonico).**

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kuncett tas-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali, il-Qorti thoss li tista' taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi prodotti.

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta illi z-zwieg tal-kontendenti ma kienx xi wiehed felici u dan kwazi mit-twelid tieghu. Il-konvenuta riedet tahrab mid-dar tal-genituri taghha peress illi missierha kien jissikaha u kien anke jiffitha biex tfittex tizzewweg u ma kellhiex relazzjoni tajba mieghu. Tghid illi missierha kien jahdem fis-servizz u kien jimxi bl-istess dixxipplina d-dar maghhom, kien sahansitra isaffrilhom meta kien ikun irid isejhilhom. Dan ammettietu fix-xhieda taghha hija stess meta qalet illi missierha kien ukoll ikun

aggressiv maghha meta kienet tikkuntrarjah. Illi fil-fatt il-kontendenti izzewgu biss wara sena u nofs li kienu iltaqghu. Il-konvenuta tilmenta illi hija bdiet tibred minn zewgha ghaliex huwa kien jghir hafna ghaliha u kien isegwiha kullimkien u jakkuzaha illi kien qed ikollha relazzjonijiet ma' irgiel ohra. Fil-fatt jirrizulta mix-xhieda tal-konvenuta illi l-irgiel kollha illi isemmi l-attur fix-xhieda tieghu bhala irgiel li maghhom l-konvenuta kienet qabdet hbiberija, kienu kollha reali u mhux frott biss ta' l-ghira li kellu ghall-konvenuta. Fil-fatt fix-xhieda taghha l-konvenuta tammetti illi hija kellha hbiberija ma' certu John Debattista, li kienet tohrog mieghu qabel iz-zwieg ukoll, izda tghid illi ma komplietx minhabba t-tfal ghaliex li kieku ma kienx ghat-tfal hija kienet tibda relazzjoni mieghu. Tammetti ukoll illi kellha hbiberija wkoll ma' certu Mohammed Hazouri u li kienet tiehu gost meta kien jittantaha, izda kienet keccietu 'il barra meta saret taf li kien qieghed jittanta lil bintha wkoll. Tammetti *inoltre* illi hija bdiet tohrog ma' certu Emanuel Cuesta u li kienet ser taqbad relazzjoni mieghu, izda peress illi rat li l-istorja kienet gejja bil-kbira kienet telqitu. Tikkonferma l-episodju li dwaru xehed l-attur meta hija kienet dahlet mal-habiba taghha tiehu kafe` ma' tlett irgiel Polakki gewwa l-kumpless tal-White Rocks. Ghalkemm l-konvenuta kellha dawn il-hbiberiji ma' irgiel ohra, tghid izda illi hija kienet bierda fir-relazzjoni sesswali ma' zewgha u ma tantx kienet tkun trid ikollha x'taqsam ma' zewgha. Tghid illi hija bdiet tibred minn zewgha mill-bidunett taz-zwieg taghha mieghu u dan peress illi hu ma kienx jaghti kasha.

Illi dan kollu huwa indikattiv illi l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta kien simulat parzjalment u dana peress illi jirrizulta car mill-mod kif gabet ruhha wara z-zwieg illi hija kienet qed teskludi l-obbligu tal-fedelta', jekk mhux iz-zwieg innifsu u dan peress illi jidher illi hija kienet izzewget biex takkwista l-liberta` u tehles minn missierha u wkoll ghaliex kienet thossha qed tikber fl-eta` u xtaqet ikollha t-tfal . Hija tghid illi kienet bierda mir-ragel mill-bidu nett taz-zwieg. Kellha hbiberija ma' iktar minn ragel wiehed u kienet waqqfet dawn il-hbiberiji minhabba ragunijiet personali taghha u tas-sieheb partikolari li kien ikollha tal-mument. Illi l-konvenuta tallega illi zewgha kien jghir ghira

esagerata ghaliha u li din kienet wahda mir-ragunijiet 'il ghala hija birdet minnu. Madanakollu ma jidhirx illi din l-ghira kienet minghajr gustifikazzjoni gialadarba jirrizulta illi l-konvenuta kienet lesta li taqbad hbiberija ma' irgiel ohra meta hija sabet problemi fiz-zwieg taghha. Jidher fil-fatt illi wiehed minn dawn l-irgiel kien sahansitra namrat taghha qabel iz-zwieg u li mieghu kellha thassar ir-relazzjoni minhabba oppozizzjoni min-naha tal-familjari tieghu. Dan John Debattista rega' fittixha wara z-zwieg u hija tghid illi li kieku ma kienx ghat-tfal certament illi hija kienet tibni relazzjoni extra-matrimonjali mieghu.

Illi ghalhekk minn dan kollu l-esponenti tista tikkonkludi illi l-kunsens tal-konvenuta kien simulat parzjalment u dana ai termini ta' l-**artikolu 1086 tal-Kodici Benedittin ta' l-1917**. Illi f'dan id-dawl ukoll ghandu jinghad illi fid-definizzjoni tal-kunsens moghtija fl-imsemmi kodici, il-koppja ghandhom reciprokament jaghtu u jikkoncedu l-*Ius in corpus*, esklussiva u perpetwa, liema dritt ghandu jkun intenzjonat ghal prokreazzjoni ta' l-ulied. Jidher illi l-konvenuta kienet qed tichad dan id-dritt lil zewgha u dan jirrizulta kemm minn ammissjoni taghha kif ukoll mix-xhieda ta' l-attur stess illi jghid illi l-konvenuta kienet tghidlu illi ma tantx joghgobha s-sess u li wara t-twelid tat-tieni wild taghhom, il-hajja intimta ta' bejniethom bdiet sejra lura.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-brava Perit Legali Dr. Edwina Chetcuti li ghalhekk iz-zwieg tal-kontendenti li gie iccelebrat fl-10 ta' Gunju 1973 ma kienx wiehed validu taht il-ligi vigenti meta sar u cjoe' b'applikazjzoni tal-**kanoni 1086 tal-Kodici tad-Dritt Kanoniku ta' l-1917,** u dan peress illi l-kunsens tal-konvenuta kien simulat meta hija eskludiet l-obbligazzjoni tal-fedelta'. Illi *in vista* ta' dan u tal-principji legali stabbilit mill-gurisprudenza nostrana l-Qorti tinsab ta' l-opinjoni illi b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 19 (1) (f) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg ta' l-1975** kif sussegwentement emendat, liema artikolu tal-ligi jirriffletti l-principji applikabbli ghal kanoni **1086 tal-Kodici Benedittin,** iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett skond il-ligi u dan bl-

applikazzjoni ta' **l-artikolu 34 (2) u l-artikolu 19 (1) (f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg.**

Illi ghalhekk it-talba ta' l-attur ghad-dikjarazzjoni tan-nullita` taz-zwieg iccelebrat bejnu u bejn l-konvenuta ghandha tigi milqugha madanakollu mhux abbazi ta' dawk id-dispozizzjonijiet tal-ligi iccitati minnu, izda *ai termini* tad-dispozizzjonijiet tal-ligi hawn fuq indikati u l-principji legali iktar 'il fuq enuncjati.

Illi, *in vista* ta' dak hawn fuq espost, l-Qorti ma hijiex ser tghaddi biex tezamina l-*caput nullitatis* l-ohra li fuqha l-attur qieghed jibbaza it-talba ghall-annullament taz-zwieg tieghu, fl-ewwel lok peress illi kif inghad din ma kenitx tezisti bhala bazi ghall-annulalment taht il-ligi kanonika vigenti f'dak iz-zmien u ghalhekk ma setghax ikun invalidu iz-zwieg f'dan is-sens w *inoltre* peress illi lanqas mill-provi ma jirrizulta illi hemm bazi ghall-istess.

Illi finalment, *in vista* tal-fatt illi l-attur ibbaza l-kawza tieghu fuq kawzali zbaljati, il-Qorti hija ta' l-opinjoni illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati b'mod ugwali bejn il-kontendenti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta nkwantu l-istess huma b’xi mod imkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** biss fis-sens hawn deciz u dan billi:-

(1) Tiddeciedi li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fl-10 ta’ Gunju 1973, huwa null u bla effett a tenur ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) ta’ l-Att taz-Zwieg ta’ l-1975.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------